# *Marija*

*Warda li mnissla fi gnien il-Hallieq*
*Gejt ghext fid-dinja u fewwahtha.*
*Safja twelidt u bqajt safja fuq l-art*
*Sa lejn is-sema ittajjart.*

*Dawl mill-awrora fuq xefaq il-jum*
*Xirfu raggietek f'Awissu.*
*Lanqas l-gherejjex ma hbewlek il-gmiel*
*Gmielek bla tarf qatt ma tbiel.*

*Sultana tal-gnus*
*Bhalek hadd ghax sirt omm u bqajt vergni.*
*Kenn ghall-maghkus*
*Omm il-hniena u bieb is-smewwiet.*
*Hafna titli nghatawlek maz-zmien*
*U ghad jibqghu jaghtuk fil-gejjien*
*'mma l-isbah mis-sbieh*
*Tabilhaqq l-istess ismek…..Marija.*

*Paci tinfirex mill-harsa t'ghajnejk*
*Ferh minn haddejk bellusija*
*Kelmet il-ghasel minn fommok hanin*
*Wens minn idejk mellisija.*

*Isma' talbietna jittajru ghal hdejk*
*Mic-cokon taghna; uliedek.*
*Tant nghozzu b'herqa dak ismek sabih*
*B'halfa go qalbna ktibnieh.*

*Sultana tal-gnus   Rit….*

*Ta' qabilna, b'hafna mhabba,*
*Bnewlek tempju f'nofs ir-rahal.*
*Ahna bhalhom lilek nghozzu*
*Ghax int l-ghaxqa ta' l-Ghaxqin!*

*Sultana tal-gnus   Rit….*

Lyrics: Joe Julian Farrugia
Music: Paul Abela

(Sung live by Mary Spiteri, Renato and Gorgina on the 31st of July,2006 on the occasion of the arrival of St. Mary's statue from the restoration process carried out by Horace Farrugia